**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XIX**
**Appell Nru: 212/2000**

**Il-Pulizija (Seduta tal-Kollizzjonijiet)**

**Vs**

**SAMUEL BRAUN**

**Illum, 14 ta'Frar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni mahruga kontra Samuel Braun li biha gie akkuzat talli fis-26 ta'Frar, 1995, ghal habta tal-11.00 a.m., fi Triq Felice kantuniera ma'Triq Lia, Haz-Zabbar, saq il-vettura numru T-8877 (**1**) b'manjera traskurata, (**2**) meta kellu l-licenzja tas-sewqan mhux imgedda ghas-sena kurrenti, (**3**) meta din il-vettura ma kienetx koperta b'polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-riskji ta'terzi persuni, (**4**) b'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini w b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, habat ma' vettura numru U-3861, u nvolontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta'Edward Cole, u (**5**) ikkaguna hsara involontarja fil-vettura numru S-4110 ghad-dannu ta'Peter Cocks.

Rat is-sentenza moghtija fl-4 ta'Ottubru, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Samuel Braun hati ta' dawn l-akkuzi kollha, u, ghalhekk, ikkundannatu ghall-Lm250 Multa w skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sena b'effett mill-ghada tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Samuel Braun datat 12 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-4 ta'Ottubru, 2000.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali fis-sens li r-rikors t'appell ta'Samuel Braun huwa null.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat fuq din l-eccezzjoni li sejra tigi deciza issa minn din il-Qorti.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bla ezitazzjoni ta'xejn, il-Qorti tara li l-Avukat Generali ghandu ragun f'din l-eccezzjoni tieghu tan-nullita' tar-rikors ta' l-appell ta'Samuel Braun.

Jirrizulta li d-dikjarazzjoni tal-fatti msemmija mill-appellant f'dan ir-rikors tieghu huma ghall-kollox estranei jew differenti minn dawk imsemmija fl-akkuzi dedotti kontrih u li fuqhom l-ewwel Qorti kienet sabitu hati. Fir-rikors tieghu, l-appellant qed jsemmi fatti li bla ebda mod ma jirreferu ghall-dawk li jinsabu f'dawn l-atti processwali.

Barra minn hekk, anke t-talba ta' l-appellant ghal-varjazzjoni fis-sentenza appellata hija hazina l-ghaliex fir-rikors tieghu hu qed jirreferi ghal xi sentenza ohra, b'data differenti ghal kollox minn dik appellata, fejn in parti gie liberat u in parte gie misjub hati. Filwaqt li s-sentenza li hemm f'dawn l-atti, u li minnha sar dan l-appell, kienet sabitu hati fuq l-akkuzi kollha.

Tali difetti fir-rikors ta' l-appell mhumiex rimedjabbli, u ghalhekk, dawn il-mankanzi jirrenduh null.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali w hu f'dan is-sens, ghalhekk, li l-appell ta'Samuel Braun qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur